32005D0001 (01)

L 335/58 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 21.12.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPM/1/2005

## tal-25 ta' Novembru 2005

## dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH)

(2005/922/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/824/PESK ta' 24 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH) ([1]), u, b'mod partikolari, l-Artikolu 9 (1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 9(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/824/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni li jaħtar, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija.

(2) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra ta' Is-Sur Vincenzo Coppola,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Vincenzo Coppola huwa b'dan maħtur Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH) mill-jum li l-missjoni tibda. Sa dik id-data, huwa għandu jaġixxi bħala l-Kap tat-tim ta' l-ippjanar.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar il-25 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
J. KING

([1]) ĠU L 307, 25.11.2005, p. 55.